# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgha, 1 ta' Diċembru, 2021

**Kawża Nru.**

**Rik. Nru. 64/2021 ISB**

**Av. Antoine Naudi [ID. 448570M] bhala mandatarju specjali tal-assenti Ioannis Condellis, detentur tal-passaport Grieg bin-numru AN5060285 residenti 21, Agiou Dimitriou, Atene, Grecja**

**vs**

**Ir-Registratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **<u>ir-rikors</u>** ta' **Av. Antoine Naudi [ID. 448570M]** bhala mandatarju specjali tal-assenti Ioannis Condellis, detentur tal-passaport Grieg bin-

numru AN5060285, pprezentat fit-13 ta' Awissu 2021, li permezz tieghu huma jsostnu hekk:-

*Illi permezz ta' "Memorandum of Agreement" datat 1 ta' Gunju 2020 [**DOK AN1**], ir-rikorrent kien intrabat illi jixtri minghand il-kumpanija Aquamarine Navigation Ltd [C-41362] il-"pleasure motor yacht" maghrufa bhala "Emargina V" u dan skond it-termini u l-kundizzjonijiet l-ohra imsemmija fil-"Memorandum of Agreement";*

*Illi ricentement, l-attur sar jaf illi l-isem tal-kumpanija Aquamarine Navigation Ltd [C-41362] gie imhassar minn fuq ir-registru tal-kumpaniji b'effett mill-1 ta' Marzu 2021 kif jirrizulta mill-estratt mehud mis-sit ufficjali tal-Malta Business Registry, hawn anness u mmarkat **DOK AN2**;*

*Illi r-rikorrent qed jannetti kopja ta' "Memorandum and Articles of Association" [**DOK AN3**] tal-kumpanija Aquamarine Navigation Ltd [C-41362] – li giet registrata taht il-Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations, 2004 - illi kien inghata lilu fil-kors tan-negozjati illi waslu ghall-iffirmar tal-"Memorandum of Agreement" izda ma jistax jikkonferma jekk din hija l-ahhar verzjoni stante illi l-fatt illi l-dokumenti dwar l-imsemmija kumpanija fuq is-sit elettoniku tal-Malta Business Registry tnehhew wara illi din giet imhassra minn fuq ir-registru;*

*Illi r-rikorrent ghandu interess, ai termini tal-Artikolu 98 (4) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations, 2004, illi l-isem tal-kumpanija Aquamarine Navigation Ltd [C-41362] jerga' jidhol fir-registru principarjament sabiex huwa jkun jista' jixtri u jakkwista l-"pleasure motor yacht" Emargina V kif kien intrabat illi jaghmel;*

*Illi dejjem ai termini tal-Artikolu 98 (4) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations, 2004, fil-gurnata tal-prezentata ta' dan ir-rikors, ghadu ma ddekorriex il-perjodu ta' hames snin mill-publikazzjoni tal-avviz tat-thassir tal-isem tal-kumpanija Aquamarine Navigation Ltd [C-41362] minn fuq ir-registru tal-kumpaniji;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 98 (4) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations, 2004, jerga' jiddahhal l-isem tal-kumpanija Aquamarine Navigation Ltd [C-41362] fir-registru tal-kumpaniji, b'dan illi l-istess kumpanija titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-registru;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-publikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligijiet relattivi ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpaniji;*

3. *Taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni sabiex il-kumpanija Aquamarine Navigation Ltd [C-41362] u l-persuni kollha interessati, jitqieghdu fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-imsemmija kumpanija ma jkunx thassar minn fuq ir-registru.*

*Bl-ispejjez.*

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors (fol 4 sa fol 23).

Rat **id-digriet** taghha tas-17 ta' Awissu 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-4 ta' Novembru 2021 fl-10:00am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji b'ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fl-1 ta' Ottubru 2021 (ara tergo ta` fol 25).

Rat illi fil-21 ta' Ottubru 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 26) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Aquamarine Navigation Ltd (C 41362) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fl-11 ta' Mejju 2007;*

*Illi d-dokumentazzjoni reġistrati mar-Reġistratur għadhom xorta aċċessibbli mill-pubbliku. Huwa l-aċċess elettroniku mill-portal illi tneħħa;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-istess Att. Tant hu hekk illi l-aħħar prospett annwali mibgħut lir-Reġistratur kien dak tas-sena 2010;*

*Illi tali nuqqas serju u kontinwu għal diversi snin kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tar- Regolament 98(1) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjali tagħha (annessi u mmarkati bħala Dok.* ***'A'***, ***'B'***, ***'C'*** *u* ***'D'*** *l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) Georgia Varvate, Maria Varvate u Nikolaos Varvates sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi l-ewwel ittra ntbagħtet lill-kumpanija u lill-uffiċċjali tagħha fl-indirizzi 29, Church Street Msida u 23, Psaron Street, Piraeus Greece, rispettivament datati 28 t'Ottubru 2020.*

*Illi fit-30 ta' Novembru 2020, ir-Reġistratur bagħat it-tieni ittra fuq l-istess indirizzi u konsegwentement ai termini tar-Regolament 98(2), ipproċeda bil-pubblikazzjoni ta' avviż fuq website miżmuma minnu u f' gażżetta li toħroġ kuljum. Madankollu fit-terminu preskritt mil-liġi, la l-kumpanija, la d-diretturi tagħha u lanqas terzi persuni ma nfurmaw lir-Reġistratur illi kellhom xi nteress illi l-isem tal-kumpanija jibqa' fuq ir-Reġistru. Għalhekk l-esponent mexa sabiex iħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru b'effett mill-1 ta' Marzu 2021;*

*Illi kif jidher ċar mill-fatti suesposti, ir-rikkorrent kellu biżżejjed żmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija, biex jinforma l-esponent dwar l-interess illli kellu sabiex l-isem ta' din il-kumpannja jibqa' fuq ir-Reġistru, iżda dan baqa inadempjenti;*

*Illi l-kumpanija in kwistjoni għandha interess ukoll illi terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru għaliex jidher illi hija sid ta' pleasure motor yacht u għalhekk ma tistax tiddisponi minnu kif ftehmet mar-rikorrenti għaldaqstant ir-Reġistratur titlob illi qabel il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, jiġu sottomessi mar-Reġistratur il-prospetti annwali mis-sena 2011 sal-lum u tħallas il-penali dovuti u tmexxi sabiex tagħlaq il-kumpanija b'mod volontarju hekk kif tiddisponi mill-pleasure motor yacht mhux terġa tabbanduna l-kumpanija wara li tinqeda;*

*Illi meta r-rikorrenti ffirmaw l-ftehim datat 1/06/2020, kienu konxji illi l-kumpanija ma kienetx qiegħda tibagħat il-pospetti annwali u illi kienet f'risjku li titneħħa minn fuq ir-Reġistru iżda għażlu li jieħdu tali riskju;*

*Illi għalhekk ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi, sabiex jistabbilixxu jekk il-kumpanija in kwistjoni timmeritax illi tidħol lura fuq ir-Reġistru. Ir-Reġistratur m' għandux oġġezzjoni sakemm il-kumpanija tkun konformi mal-liġi u ma terġax tiġi abbandunata u għalhekk lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment li l-Qorti jidrilha xierqa u opportun, dan sabiex ir-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2021, deher ir-rikorrenti noe. Dr Antoine Naudi u dehret l-Avukat Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji intimat.

Rat illi, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-artiklu 98(4) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations, 2004, u li permezz taghha, ir-rikorrent noe jsostni illi hija dahhlet f'Memorandum of Agreement datat 1 ta' Gunju 2020 sabiex tixtri u takkwista yacht bl-isem ta' "Emargina V" minn ghand il-kumpannija **Acquamarine Navigation Ltd (C-41362)**.

Illi l-kumpannija **Acquamarine Navigation Ltd (C-41362)** kienet struck off u mnehhija minn fuq ir-Registru tal-kumpanniji fl-1 ta' Marzu 2021 u allura t-trasferiment tal-yacht ma jistghax isehh.

Ir-rikorrenti isostni ghalhekk illi huwa ghandu interess illi l-kumpannija **Acquamarine Navigation Ltd (C-41362)** terga' titqieghed fuq ir-Registru sabiex ikun jista' jixtri u jakkwista l-yacht msemmi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Registratur jghid illi l-kumpannija msemmija kienet naqqset mill-obbligi taghha mar-Registratur, u kienet anke monka fl-obbligi taghha illi tipprezenta kontijiet annwali u prospetti annwali, u peress illi dawn in-nuqqasijiet pperduraw ghall-perjodu twil, ir-Registratur intimat kellu raguni jahseb illi l-kumpannija ma kinitx baqghet topera ai termini tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Comapnies) Regulations.

Jghid l-intimat Registratur illi kellu kull ragun, una volta illi ha l-passi kollha skond il-ligi, illi jikkancella l-kumpannija de quo minn fuq ir-Registru.

**Art. 98(4) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisation – Provate Companies) Regulations, 2004[1]**

> *If any member or creditor of the company, or any other person who appears to the court to have an interest feels aggrieved by the fact that the name of the company has been struck off the register by virtue of this regulation, the court on an application made by the member or creditor or such other person before the expiration of five years from the publication of the notice of the striking off provided for in subregulations (2) and (3) may, if satisfied that it is proper that the name be restored to the register,order that such name be restored to the register, and upon an official copy of the order being delivered by the Registrar of Courtsto the Registrar for registration, the company shall be deemed tohave continued in existence as if its name had not been struck off; and the court may by its order give such directions and make such provisions as seem fit for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name ofthe company had not been struck off. The Registrar shall forthwith proceed to publish a notice in the Gazette or on a website maintained by the Registrar and in a daily newspaper circulating wholly or mainly in Malta that the name of the company has been restored tothe register.*

[1] Regolamenti ppubblikati biss bil-lingwa Ingliza

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummercjali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terga' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artikolu appena citat.

M'hemmx dubbju illi ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta il-kumpannija **Acquamarine Navigation Ltd (C-41362)** giet ikkancellata minn fuq ir-Registru.

Id-dokumenti ppresentati mar-rikors jitkellmu wahedhom u ma jirrizultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irrizultaw, anzi ir-Registratur intimat ddikjara illi ma ghandux oppozizzjoni ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvediment tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u tal-Ligi Sussidjarja msemmija u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Art. 98(4) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisation – Provate Companies) Regulations, 2004, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' **Acquamarine Navigation Ltd (C-41362)** fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-Registru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattiva ghal tali inserzjoni mill-gdid tal-kumpannija msemmija fir-Registru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Acquamarine Navigation Ltd (C-41362)** jitpogga lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji ghall-perjodu massimu ta' <u>sentejn</u> sabiex f'dan il-perjodu, ir-rikorrent noe jilhaq jixtri u jottjeni l-yacht "Emargina V".

4. **Fir-raba' lok** <u>tordna</u> illi jekk u hekk kif appena ir-rikorrenti noe jakkwista l-yacht "Emargina V" illum proprjeta` ta' **Acquamarine Navigation Ltd (C-41362)** qabel l-iskadenza ta' dawn is-sentejn, allura huwa <u>ghandu</u> jgharraf b'mod immedjat lir-Registratur intimat, sabiex jekk hu jidhirlu hekk xieraq, jghaddi biex jipprocedi biex jerga' jikkancella isem is-socjeta` **Acquamarine Navigation Ltd (C-41362)** qabel l-iskadenza tal-imsemmija sentejn, bi spejjes anke ta' din il-procedura a spejjes tar-rikorrenti noe.

5. **Fil-hames lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Acquamarine Navigation Ltd (C-41362)** fuq ir-Registru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**